Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,461, 1 ta' Lulju, 2025
Taqsima B

A.L. 119 tal-2025

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2025 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Ombudsman Law and Governance - M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi u tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bordijiet tal-Fakultà tal-Liġi u tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2025 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Ombudsman Law and Governance - M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi u tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bordijiet" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi u tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bordijiet;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Ombudsman Law and Governance - M.A. -;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Ombudsman Law and Governance - M.A.;

Verżjoni Elettronika

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Ombudsman Law and Governance - P.G. Cert.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Ombudsman Law and Governance – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Ottubru 2025 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad tal-Baċċellerat f'qasam ta' studju li l-Bord tal-Istudji jikkunsidra bħala rilevanti, ikklassifikat tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II; jew

(b) grad tal-Baċċellerat ikklassifikat tal-anqas fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III, diment li dawn l-applikanti jkollhom kwalifiki oħrajn, inkluża esperjenza rilevanti, miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu tagħhom; jew

(ċ) kwalunkwe kwalifika oħra meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji, bħala komparabbli għall-kwalifiki msemmija f'paragrafi (a) u (b) ta' dan l-ordinament.

(2) Id-dħul tal-applikanti skont is-sottoparagrafu (b), u jekk neċessarju (ċ) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament jista' jkun kondizzjonalment skont ir-riżultat ta' intervista li ssir minn bord tal-intervisti maħtur għal dan il-għan.

(3) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bordijiet għandu jkun kompost minn tal-inqas tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' tlett semestri ta' studju full-time jew l-ekwivalenti ta' studju part-time.

Il-Bord tal-Istudji

5. (1) L-amministrazzjoni akkademika tal-Kors għandha tkun fdata lill-Bord tal-Istudji maħtur għal dan l-iskop.

Verżjoni Elettronika

(2) Il-Bord tal-Istudji, li għandu jkun maħtur għal perijodu ta' sena akkademika waħda, għandu jkun magħmul kif ġej:

(a) id-Dekan tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy u d-Dekan tal-Fakultà tal-Liġi jew id-delegat rispettiv tagħhom, li wieħed minnhom għandu jkun maħtur bħala *Chairman* fuq rakkomandazzjoni konġunta taż-żewġ Fakultajiet;

(b) mill-anqas żewġ membri tal-istaff akkademiku minn kull waħda miż-żewġ Fakultajiet;

(ċ) żewġ studenti eletti minn fost l-istudenti rreġistrati fil-Kors; u

(d) sa żewġ partijiet interessati fl-oqsma ta' għarfien offruti fil-programm.

Il-Programm ta' Studju

6. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors. Għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

7. L-istudenti li jiksbu 30 krettu ECTS assenjati għal taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux temmew il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate.

8. L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

9. L-istudenti jkunu eliġibbli għal għoti tal-Grad jekk jiksbu d-90 krettu ECTS kif imniżżel fil-programm ta' studju għall-Kors b'marka medja ta' mill-anqas 50%.

Id-Dissertazzjoni

10. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' mhux anqas minn 15,000 u mhux aktar minn 20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

(2) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji sal-bidu tat-tieni semestru tal-ewwel sena.

(3) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir wara l-approvazzjoni tal-proposta, normalment matul it-tieni sena tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

Verżjoni Elettronika

11. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudenti qed isegwi l-Kors fuq bażi full-time u kemm jekk fuq bażi part-time. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, diment li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta ċ-ċans lill-istudent li jinstema'.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

12. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Postgraduate Certificate għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetika.